Eżempju prattiku 1 : "klijenta diffiċli!"

Sara għadha kemm bdiet taħdem bħala hairdresser apprentista u waslet biex taħsel ix-xagħar tal-ewwel klijent. Hija twassal lill-klijenta sas-sink u tilbes l-ingwanti.

F'daqqa waħda l-klijenta tgħidilha: "Għalfejn qegħda tilbes l-ingwanti? Għax ma tridx tmissni? Xagħri mhux daqshekk maħmuġ u barra minnhekk l-ingwanti se jiġbduli xagħri!"

Kif tirreaġixxi għal din is-sitwazzjoni?

Eżempju prattiku 2: "Dawk ħmerijiet!"

Marija, kollega ġdida, qabbadtha taħsel, tnixxef u tiżboħ ix-xagħar kif ukoll l-perming. Hija qed tagħmel dan b'attenzjoni kbira. Il-klijenti huma impressjonati bil-kreattività u l-professjonaliżmu ta' Marija. Dan l-aħħar, inti ndunajt b'bidliet li saru fil-ġilda tal-kollega tiegħek. Hemm ħmura ċara bejn is-swaba.

Marija ċċekken l-inkwiet tiegħek u tgħidlek: "dawk ħmerijiet! M'għandi xejn f'idejja. Ma nilbisx l-ingwanti għax ma nkunx nista' nħoss sew."

Kif tista' tikkonvinċi lil Marija?

Eżempju prattiku 3: "Biċċa xogħol għall-imgħallem!"

Inti għadek kemm bdejt tagħmel kull xogħol tipiku fix-xogħol tax-xagħar bħal ħasil, qtugħ u tnixxif tax-xagħar. Imma idejk mill-ewwel bdew jaħarquk mal-kuntatt tax-xampù u x-xagħar: saru ħomor u bdew jikluk.

L-imgħallem tiegħek, Pierre, mhux inkwetat. Meta tistaqsih għall-ingwanti tajbin u krema biex tipproteġi l-ġilda, Pierre iċaqlaq rasu u jgħidlek: “L-ingwanti protettivi u l-krema biex tipproteġi l-ġilda mhumiex neċessarji fix-xogħol tal-hairdresser. Dan il-ftit ilma u x-xampù ma jagħmlux ħsara lil idejk! Hawnhekk għandna, l-aħjar u l-aktar prodotti faċli biex tuża. Barra minn hekk, l-ingwanti u l-krejjem għall-impjegati kollha huma għaljin wisq! Toqgħodx tkabbarha u ħu ħsieb idejk id-dar. Fl-aħħar mill-aħħar inti responsabbli għalik innifsek!”

Kif se tikkonvinċi l-imgħallem tiegħek?